**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Gunju, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 241/2022 AF**

**Amici Projects Limited (C-88103)**

**vs**

**Bigxa Global Limited (C-94994)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjetà attrici Amici Projects Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti inkarigat lis-socjetà konvenuta *ossia* Bigxa Global Limited sabiex fil-kapacità professjonali taghha tippresta dawk is-servizzi li normalment jinghataw minn tali socjetà in konnessjoni ma' tlett progetti separati fuq tlett siti ta' kostruzzjoni rispettivi li jinsabu gewwa Birkirkara, iz-Zurrieq u s-Siggiewi rispettivament.

Dan l-inkarigu, fost l-ohrajn kien jikkonsisti f'diversi xogholijiet ta' kostruzzjoni, fl-ghoti ta' dawk l-istruzzjonijiet kollha lill-haddiema inkarigati sabiex jaghmlu xogholijiet fis-sit in kwistjoni u sorveljanza tax-xogholijiet kollha necessarji.

L-inkarigu moghti lis-socjetà intimata Bigxa Global Limited kellu jigi espletat skond is-sengha u l-arti.

Is-socjetà rikorrenti inkarigat lis-socjetà konvenuta wkoll ghaliex hija esperta u hadmet fuq diversi xogholijiet ta' kostruzzjoni bhal dawk in kwsitjoni izda madanakollu jirrizulta li dawn il-progetti u l-inkarigu lilha moghtija kien kollox ghajr ix-xogholijiet minnha spettati.

Is-socjetà konvenuta esegwit l-inkarigu lilha moghti b'nuqqas ta' hila, negligenza u traskuragni konsistenti specifikament, izda mhux limitatament f'difetti serji ta' xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Irrizulta li s-socjetà konvenut ma esegwitx ix-xogholijiet rikjesti minnha fl-intier taghhom u ghalhekk thallset somma ferm ghola minn dak miftiehem ghax-xoghol illi sar u dan minhabba li s-socjetà konvenuta kienet irceviet hlasijiet akkont ta' xogholijiet liema xogholijiet baqghu ma sarux.

Minhabba n-nuqqasijiet serja da parti tas-socjetà konvenuta, s-socjetà konvenuta, s-socjetà rikorrenti ghadha sal-lum ma tistax taghmel uzu mis-siti in kwistjoni.

Wara l-inkarigu moghti lis-socjetà intimata Bigxa Global Limited, u waqt l-andament tax-xogholijiet, is-socjetà rikorrenti rceviet talbiet ghall-hlas tal-istess xogholijiet rezi mill-istess socjetà intimata.

Konsegwenza ta' dan is-socjetà rikorrenti sofriet u ghadha qed issofri danni kbar u dan ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Is-socjetà rikorrenti baghtet ittra ufficcjali li jgib in-numru 4930/2021 lis-socjetà intimata fejn intalab ir-rifuzjoni tal-ammont ta' €54,085.13 liema ittra giet injorata u s-socjetà intimata baqghet inadempjenti.

Minkejja d-diversi interpellazzjonijiet, is-socjetà intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi s-socjetà intimata kienet traskurata u negligenti u ma espletatx dan l-inkarigu skond is-sengha u l-arti u kienet inadempjenti fl-ezercizzju tal-inkarigu moghti.

2. Tiddikjara illi tali nuqqasijiet ikkawzaw danni u ghadhom qed jikkawzaw danni lir-rikorrenti.

3. Tiddikjara lis-socjetà intimata responsabbli tad-danni li sofriet u ghadha qed issofri s-socjetà rikorrenti b'rizultat tat-traskuragni, negligenza u nuqqas ta' hila u inadempjenza fl-ezercizzju tal-inkarigu moghti.

4. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti inkluz id-deprezzament tal-valur tas-siti ta' kostruzzjoni in kwistjoni.

5. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallas id-danni hekk likwidati u kwalsiasi danni ohra lir-rikorrenti sakemm jigu

ratifikati d-difetti u l-izbalji kollha li saru b'konsegwenza ta' dawn l-istess nuqqasijiet kif spjegat.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali kontra s-socjetà intimata ingunta minn issa ghas-subizzjoni, u bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv, u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra li tista' tispetta lir-rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi s-soċjetà konvenuta, minkejja li ġiet debitament notifikata, baqgħet ma ressqet ebda tweġiba għall-kawża.

Rat id-dokumenti.

Semgħet xhud viva voce.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża s-soċjetà rikorrenti qed tirreklama flejjes imħallsa żejda minnha lis-soċjetà konvenuta li lilha kienet tat appalt għal xogħolijiet ta' kostruzzjoni fuq tlett siti differenti u cioè ġewwa Birkirkara, s-Siġġiewi u ż-Żurrieq. Is-soċjetà konvenuta ma wieġbitx għall-kawża.

Doveruż wieħed jenfasizza f'dawn iċ-ċirkostanzi li dawn il-Qrati dejjem għallmu li l-kontumaċja ma hija qatt meqjusa bħala ammissjoni tat-talba u għalhekk jibqa' jinkombi fuq l-attur illi jiġġustifka t-talba tiegħu sal-grad rikjest mil-liġi.

Fil-każ in eżami, dan l-oneru ġie parzjalment sodisfatt, permezz tad-dokumenti esibiti kif ukoll bil-konferma ġuramentata ta' David Bonnici. Madanakollu, din il-Qorti tqis li r-rikorrenti ssodisfa l-piz tal-prova biss ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' flejjes imhallsa digà. Ma ngabet ebda prova ta' danni oltre minn hekk.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel t-talba u ghalhekk tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Bigxa Global Limited tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbgħa u ħamsin elf u ħamsa u tmenin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€54,085.13) bl-imgħaxijiet mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali bin-numru 4930/21 sad-data tal-pagament effettiv bl-ispejjeż kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG